# AVVIŻI

- Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
  Il-Ħadd 4 u 18 ta' Jannar 2015 fit-3.00p.m.
  Il-Ħadd 1 u 15 ta' Frar 2015 fit-3.30p.m.
  Il-Ħadd 1 u 15 ta' Marzu 2015 fl-4.00p.m.
  Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2015 fil-5.30p.m.
- Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
- Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
- Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
- Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
- L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
- Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 101 Jannar 2015 JITQASSAM BLA ĦLAS



***"Ġuża kienet mara ta' qdusija kbira... tiskanta li din il-mara ta' mingħajr ebda skola li kultant tuża ċertu termini, ċertu kliem illi żgur mhux qed tgħidhom hi, impossibbli li tgħidhom hi għax hi qatt ma tgħallmet skola, kif trid tgħidhom! Dan żgur illi hemm l-Id t'Alla u d-driegħ tal-Madonna..."***

***Mons. A. Buontempo***

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2015 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.**

# DIRETTURI SPIRITWALI U SAĊERDOTI OĦRA LI GĦENU LIL ĠUŻA MIFSUD MONS. AMANTE BUONTEMPO

**(L-ewwel parti)**

F'artiklu li kont ktibt ftit wara l-mewt tiegħu, kont għidt, "Fiżikament, Monsinjur Amante Buontempo ħallina nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2004 iżda l-memorja tiegħu tibqa' magħna għal dejjem. Huma diversi l-esperjenzi u l-interventi tiegħu magħġuna fi ħdan il-Moviment tagħna li jagħmlu minnu kolonna għal dan il-Moviment. Bil-mewt tiegħu din il-kolonna ma nkisritx, ma ċeditx, iżda tibqa' għal dejjem issaħħaħ dak li nbena s'issa u għad irid jinbena."

## KIF ILTAQGĦU ĠUŻA U MONSINJUR BUONTEMPO?

Dwar kif iltaqa' l-ewwel darba ma' Ġuża Mifsud fis-26 ta' Marzu 1984, nħallih jirrakkonta hu stess f'intervista li ta ftit ġimgħat qabel ma miet. Huwa kien qal hekk:

Irrid ngħid li l-ewwel laqgħa tiegħi ma' Ġuża Mifsud kienet biex tikkonvinċini mill-qdusija tagħha. Darba minnhom ħuti s-sorijiet, naturalment ilu s-snin, qaluli, "Sejrin għand waħda li tgħid li tkellimha l-Madonna." Jien għidtilhom, "Isma, mhux għax tgħid li tkellimha l-Madonna ser niġi magħkom, imma ser niġi magħkom biex inkun naf lil din il-persuna. Ikkonvinċewni u morna s-Siġġiewi. Ħabbatna l-bieb u fetħitilna u l-ewwel kelma li qaltli, "Għandi bżonnok." Jiena għidt kif għandha bżonni din? Hi qatt ma ratni, jien qatt ma kellimtha. Kien diġa il-bidu.

Imbagħad bdejna nitkellmu dwar x'kellha bzonni. Qaltli, "Għandi dan l-inkwadru," kellha nkwadru tal-Madonna mzejjen bl-isfar u l-abjad biex tibgħatu l-Papa. Kien tqil naturlament dan l-inkwadru, bil-figura tal-Madonna, għidtilha, "Jien kumbinazzjoni din il-ġimgħa sejjer Ruma, imma kif ħa nagħmel biex naqbad u nieħdu dan il-kwadru?"

Qaltli, "Ħsiebtlek għal kollox. Hawn ġuvnott jiġi miegħek, jżommu hu u ppreparajtilkom ukoll biex meta taslu Ruma tmorru għand waħda soru u din tippreparalkom il-biljetti għal udjenza mal-Papa.

Jien ma kellix bżonn min jagħmilli biljetti, kelli biżżejjed ħbieb kieku ridt Ruma, imma jiena umiljajt ruħi, baxxejt rasi u aċċettajt li mmorru hemmhekk. Issa dan kien diġa l-ewwel pass illi ġagħalni nidħol fija nnifsi u ngħid, "Imma din il-mara minn hi? Qatt ma ltqajt magħha, qatt ma kellimtha, ma kinitx tafni, ma kontx nafha. Imbagħad aċċettajt, morna Ruma, kif wasalna morna fejn qaltilna hi, kien hemm telgħa tal-bejati Pawli biex immorru nkellmu lil din is-soru. Insomma tatna l-biljetti, jiena poġġejthom fil-but, lanqas biss tajt kaz tagħhom. Waslet il-ġurnata ta' l-udjenza u sibt li dawn il-biljetti kienu jintitolawna għal fuq il-balavostri, jiġifieri 'l fuq ħafna, il-Papa kien jidher daqshekk. Għidt, "Kif ħa nagħmel biex nagħtihulu dan l-inkwadru...?"

Pero aħna u telgħin kien hemm uffiċċju u kien hemm miktub li min irid iħalli xi ħaġa lill-Papa iħalliha hawnhekk. Għidtlu, "Mela tikkonfondi xejn, issa kif inkunu ser nirritornaw..." Insomma morna, dħalna f'dan l-uffiċċju u għidtlu, "Jiena għandi dawn l-affarijiet."

Issa nagħmel parentesi ċkejkna, ma kinux biss dawn l-imbierek ta' kwadru, tatni ruxxmata dokumenti, qalti, "Ittraduċihom bit-Taljan" u għamilt kopja tagħhom biex inkun nista' nħallihom lill-Papa, kemm domt hemmhekk jiġifieri, għaliex aħna mhux mill-ewwel morna, u dawn id-dokumenti kollha flimkien ma' dan l-imbierek ta kwadru ħallejthom hemmhekk, ħadli ismi u l-indirizz, qalli, "Tirċievi konferma li dawn waslulu lill-Papa" u erġajna lura.

Għiditlha, "Ġuż" għax imbagħad morna għandha naturalment, għidtilha, "Jiena, lill-Papa ma tajthomlux f'idejh imma ħallejthomlu hemmhekk. Tikkonfondi xejn għax dan żgur ser jiktiblek."

Għaddew xi tliet xhur u nirċievi telefonata min-Nunzjatura Appostolika u min kien hemm qalli, "Għandi bżonn inkellmek." Tani l-appuntament u mort hemmhekk, u qalli, "Dawk l-affarijiet kollha li ħallejt lill-Papa waslulu." Ma tagħnix dokument imma qalli li waslulu u dan ikkonvinċini.

Sadanittant bdejt niffrekwenta lil Ġuża u bdejt dejjem iżjed nikkonvinċi ruħi mill-qdusija tagħha. Diġa kien biżżejjed il-bidu, diġa kiken biżżejjed biex Ġuża tikkonvinċini li kienet mara żgur qaddisa u dan il-konvinċiment baqa' jikber dejjem iżjed."

## KIEN STRUMENTALI BIEX ĠUŻA TITKELLEM DWAR IL-GIRGENTI

Monsinjur Buontempo kien ukoll strumentali sabiex Ġuża tibda titkellem dwar il-Madonna taħt it-titlu tal-Girgenti. Kien f'Ottubru 1985, sentejn wara li Ġuża kienet bdiet titkellem dwar it-titlu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, li hi telgħet il-Girgenti flimkien ma' Mons. Buontempo u qaltlu fejn kienet rat il-Madonna fuq is-siġra tan-naspli. Meta Ġuża sqarret mal-Monsinjur li l-Madonna kienet qaltilha li tridha tgħid kif kienet ratha fil-Girgenti u li riedet statwa tagħha hemmhekk, hu kien għamlilha ħafna kuraġġ u qalilha li qabel tagħmel dan hi mhix ser toqgħod bi kwieta. Dan il-kuraġġ u parir siewi min naħa tiegħu wassal lil Ġuża tiftaħ il-messaġġ tal-Girgenti u t-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna hemmhekk fil-5 ta' Mejju 1986.

## IT-TWAQQIF TAL-KUMITAT

Il-preokupazzjoni li kellu fuq Ġuża meta kien jaf li din kienet iżżomm il-flus li taqla' d-dar ġagħalitu jitlob ħafna u jistqarr li kien imnebbaħ li jwaqqaf Kumitat sabiex l-affarijiet mhux biss isiru sew iżda jkunu jidhru wkoll li qed isiru sew.

"Jiena ħassejt, ħassejt u dan nista' ngħidu biex jibqa' rikordju, jiena sirt naf mingħand Ġuża stess li kellha diversi flus li kienu jagħtuha biex tinbena din l-imbierka knisja u għidtilha, "Ġuż, jista' jiġi jagħtik is-salt xi ħadd u allura aħjar nippruvaw noħolqu xi ħaġa biex dawn il-flus ma jibqgħux għandek." U l-Madonna illuminatni biex nagħmlu kumitat, dan il-Kumitat filfatt sar..."

Kien hu li fassal l-Istatut tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, statut li għadu jiggwida l-Moviment sallum. Dan l-istatut kien ġie approvat waqt laqgħa li saret fil-bitħa tar-razzett tal-Girgenti (illum okkupat minn Leli u Karmnu Mifsud, neputijiet ta' Ġuża) nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 1987. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat imbagħad saret id-dar ta' Ġuża, s-Siġġiewi, nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 1987.

"Waqqafna flimkien, u ngħid flimkien, mhux biex nieħu l-mertu jien ukoll, għax il-mertu kien kollu ta' Ġuża. Waqqafna flimkien il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, naturalment ispirat minn Ġuża għaliex dan kien il-Moviment li hija riedet li jissemma u għamilna dak kollu li kellna nagħmlu."

## DIRETTUR SPIRITWALI TAL-KUMITAT

Għal snin twal kien Direttur Spiritwali tal-Kumitat u l-membri kollha jaqblu li dejjem qeda dmiru bl-aktar mod rett f'Kumitat ta' natura daqshekk delikata. Sakemm saħħtu kienet tippermetti dejjem tela' l-Girgenti sabiex waqt il-laqgħat ta' talb jindirizza l-ġemgħa bi kliem mirqum u meqjus. F'Settembru 1993 huwa kien qal:

"Meta nieqaf daqsxejn nimmedita u naħseb fuq dan il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ngħid li huwa misteru. Misteru għaliex dan it-titolu tal-Madonna imkien ma sibnieh miktub, imkien ma' jeżisti. Il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni għandu sinifikat kbir, għandu tifsira kbira..."

## SILTIET MINN ITTRA LIL ĠUŻA F'NHAR SAN ĠUŻEPP

F'ittra li rrekordjala għad-19 ta' Marzu 1993, jum San Ġużepp huwa qal hekk:



"...Inti taf dan l-aħħar jien kont ma niflaħ xejn, kelli inkonvenjent li ġagħalni nsofri ħafna, imma dawn is-sofferenzi tiegħi, dawn it-tribulazzjonijiet tiegħi ġagħaluni biss inġarrab nuqqas wieħed, in-nuqqas li jien ħassejtu ħafna, ta' l-aħħar darba li inti minkejja li kellek il-bronkite tlajt il-Girgenti biex titkellem man-nies u tfaħħar lill-Madonna. Jien dik id-darba, din l-aħħar darba ma tlajtx għax ma flaħtx nitla'. Kont nieħu ħafna aktar pjaċir u gost kieku jien ukoll bħalek tlajt, imqar bqajt fil-karozza, imqar kemm rajt in-nies ikomplu jfissru l-fiduċja tagħhom f'ommna Marija, fil-Madonna tal-Girgenti, fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni, fil-Madonna li inti tant tħobb u tant qed tippropaga u xxandar ma' kullimkien...

Ġuża ruħi, għandek għax tifraħ għax għandek isem hekk sabiħ, l-isem ta' San Ġużepp. Mhux għal xejn tawhulek ommok u missierek dan l-isem biex jagħżluk bih u permezz tiegħu tkun int magħrufa. Umilja ruħek iva, imma fl-istess ħin għandek għaliex tiftaħar għaliex ma ħafna u ħafna postijiet fid-dinja l-isem ta' Ġuza Mifsud qed jidwi f'ħafna widnejn, kulħadd qed jisma' bik u int mhux biex jisimgħu biss dan l-isem tiegħek, imma biex kull min jisma' dan l-isem tiegħek jiftakar f'San Ġuzepp, jiftakar fil-Madonna, jiftakar fil-Girgenti, jiftakar fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni li d-dinja għandha bżonn li tersaq lejha għax inkella ser tiġġarraf għal kollox...

Ġuża, ruħi, ħa nkompli kelmtejn oħra qabel ma ngħalaq din l-ittra li flok ma ktibtlek irreġistrajtha hawn. Ħallieni nwassallek minn qalbi il-barka saċerdotali tiegħi, jiena għal żmien twil u b'xi mod sallum Direttur Spiritwali tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u għalhekk anka jekk xi ħadd qallek li jien m'iniex Direttur Spiritwali tiegħek, imma b'xi mod jekk inti kif tabilħaqq tassew int, għandek intimament marbut miegħek dal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, allura anka tiegħekb'xi mod jien Direttur Spiritwali tiegħek.

Għax kieku ma kontx konvint mis-sinċerita tiegħek żgur li ma kontx nidħol għar-responsabilita bħal din. Minn qalbi nixtieq inbierkek bħalma beriktek dejjem, minn qalbi nixtieq nitlob għalik bħalma tlabt għalik dejjem f'kull quddiesa li nqaddes, f'kull talba li nagħmel, waqt ir-rużarju li jiena ta' kuljum nirreċita ħmistax-il post..."

*Ikompli f'ħarġa oħra.*

Sylvana Spiteri LL.D

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2015 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**Pauline Galea minn Ħal-Għaxaq fl-2013 kitbet hekk**: Jien omm ta' xebba li llum għandha sbatax -il sena. Tmien snin ilu, meta kellha disa' snin, filli kienet normali u filli bdiet il-ħin kollu teqred li għandha l-għadma ta' nofs ta' idha (t-*Tennis Elbow*) tuġgħaha, tant illi bdiet tgħolli idha fuq żaqqha u żżommha l- ħin kollu f'dik il-pożizzjoni. Għall-ewwel ħsibt li qegħda tiffissa u meta kienet tiġi tgħidli li qed tuġagħha kont indawwar id-diskors. Pero mbagħad bdejt ninnota li anka meta tkun ħierġa mill-iskola ma' sħabha u kienu jkunu jitkellmu u jidħku bejniethom hi kienet iżżomm idha l-ħin kollhu fuq żaqqha, qisha miksura.

Għodwa waħda (kien il-Ħamis) ħadtha l-isptar San Luqa. Wara xi ħin li domt nistenna daħluna quddiem professur. Meta għidtlu bl-istorja talab li lit-tifla joħdulha d-demm. F'din il-kamra ġew jarawha xi erba' tobba jew professuri oħra: tal-għadam, tan-nervituri eċċ.

Jien dak il-ħin kont diġa bdejt inħoss rasi ddur bija. Ma kontx naf x'inhu jiġri madwarna. Il-professur qalli li rridu nerġgħu immorru t-Tnejn ta' wara biex jara x' inhu r -riżultat tad-demm u ried li jkompli jagħmel xi testijiet oħra lit-tifla. Dakinhar anka mela xi karti dwar it-testijiet li kien għad irid jagħmel lit-tifla. Rabbtilha idha b'faxxa kannella tal-isptar u qaliha biex iżżommha marbuta (fuq żaqqha) sat-Tnejn, jiġifieri sa meta kellna nerġgħu immorru għal aktar testijiet. Ħriġt mill- isptar ras maqtugħa lanqas ridt nemmen dak kollhu li qed jiġri.

Ftakart fil- Girgenti u fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kemm-il darba mort hemm u anka lit-tifla gieli hadtha miegħi. Kienet tagħmel xalata bl-ilma mbierek ta' tifla li kienet. Għalhekk is-Sibt ta' wara ħadtha il-Girgenti Tlabna ħafna jien u t-tifla. Għalkemm hi bħas-soltu għamlet xalata bl-ilma, pero din id-darba jiena xarrabtilha idha bl-ilma u tlabt għall-fejqan tagħha. Jiena nemmen li aħna f'Malta għandna grazzja bħal f'Lourdes. Skond Ġuża l-Madonna kienet qaltilha li l-ilma li joħroġ ikun imbierek. Jiena anka qabel kont nagħtiha tixrob minn dan l-ilma lit-tifla aħseb u ara issa li kelli bżonn din il- grazzja.

L-għada l-Ħadd it- tifla bdiet tgħidli li idha qed tħossha tajba u qabdet u neħħiet dik il-faxxa li kien għamlilha l- professur. Meta wasal it Tnejn mort l- isptar imwerwra, bejn minħabba r-riżultat tad-demm u anka minħabba t-testijiet l-oħra li kien għad kellhom isiru. Imma fl-istess ħin qalbi kienet trankwilla. Għalkemm mort waħdi mat-tifla, għax lill-ġenituri tiegħi bqajt ma għidilhomx biex ma ninkwetahomx, xorta bdejt inħoss preżenza miegħi. Dħalt fil-kamra ħdejn dan il-professur u għidtlu li l-ġurnata ta' qabel, il-Ħadd, it-tifla b'forza neħħiet il-faxxa minn ma' idha għax ma ridithiex. Il-Professur eżamina id it-tifla u qalli li idha kienet tajba u li r-riżultat tad-demm kien tajjeb ukoll. Qalilna li nistgħu mmorru lejn id-dar. Jiena bqajt inħares lejh u fakkartu f'dawk it- testijiet li kien qalli li għad irid jagħmel. Hu ħares lejna u qalilna li m'hemmx bżonnhom. Ħriġt mill isptar se ntir bil-ferħ.

Il-ġenituri tiegħi saru jafu b'dan kollu llum, wara tmien snin. Għidtilhom għax ridt nikteb din l-ittra biex nirringrazzja lill-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI ta' din il-grazzja li tatni, ridt nuri li l-Girgenti huwa post ta' talb u ta' qima u fuq kollox sabiex nagħti glorja lil Alla.

**J. S. minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**Tony Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-diversi grazzji li jaqla' bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.